MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2018

Rikors Maħluf Numru 748/2016LM

**SG Marketing Limited (C35337) u**
**Dawood Group Company Limited (C50456)**

***vs.***

**Joanne Sciberras (Karta tal-Identità Numru 388178M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fid-29 ta' Awwissu, 2016 mis-soċjetajiet attriċi **SG Marketing Limited** (C35337) u **Dawood Group Company Limited** (C50456) (minn issa 'l quddiem "is-soċjetajiet attriċi") u maħluf minn Simon Grixti (K.I. Numru 452770M) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà SG Marketing Limited, li jgħid kif ġej:

1. *Illi nhar l-1 ta' April, 2015, SG Marketing Limited u l-intimata Joanne Sciberras iffirmaw skrittura (Dok. A) fejn l-intimata ntrabtet li tikkonsenja merkanzija lir-rikorrenti bil-kundizzjonijiet indikati fl-istess skrittura;*

2. *Illi r-rikorrenti SG Marketing Limited ħallset lil Joanne Sciberras is-somma ta' għaxart elef EUro (€10,000) bħala depożitu;*

3. *Illi l-intimata ma wettqitx l-obbligi assunti minnha u għalhekk hija obbligata li tħallas lura d-depożitu lilha mħallas minn SG Marketing Limited kif ukoll għandha tħallas penali ta' mitt Euro (€100) kuljum mis-7 ta' April, 2015 sad-data li fiha twettaq l-obbligi assunti minnha;*

4. *Illi nhar l-20 ta' Jannar, 2015 ir-rikorrenti Dawood Group Limited iffirmat skrittura mal-intimata dwar negozju li kellu jsir bejn il-partijiet;*

5. *Illi minkejja li seħħ in-negozju mertu tal-iskrittura, Dawood Group Limited baqgħet ma tħallsitx dak dovut lilha mill-intimata oltre għal flejjes imħallsa mir-rikorrenti Dawood Group Limited lill-intimata li qatt ma ġew rimborsati lilha;*

6. *Illi minkejja li l-intimata ġiet interpellata sabiex tħallas dak dovut minnha u minkejja diversi attentati ta' transazzjoni, l-intimata baqgħet inadempjenti;*

7. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

   *Għaldaqstant, in vista tal-premess, l-esponenti umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

   1. *Tiddikjara li l-intimata hija debitriċi tar-rikorrenti;*

   2. *Tillikwida okkorrendo permezz ta' periti nominandi s-somma dovuta u l-penali dovuti mill-intimata lir-rikorrenti;*

   3. *Tikkundanna lill-intimata tħallas lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata;*

      *u dan taħt kull provvediment ieħor li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.*

   *Bl-ispejjeż u bl-imgħax dekorribbli skont il-liġi kontra l-intimata li hija minn issa inġunta in subizzjoni.*

   *B'riserva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrenti fil-liġi.*

Semgħet ix-xhieda tas-soċjetà attriċi.

Eżaminat l-atti tal-kawża.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Din hija kawża mnedija mis-soċjetajiet attriċi, li permezz tagħha huma qegħdin jitolbu lil din il-Qorti tiddikjara li l-konvenuta hija debitriċi fil-konfront tagħhom rigward ammonti ta' flus imħallsa lilha għax-xiri ta' prodotti li kellhom jiġu impurtati f'Malta mill-konvenuta. Permezz ta' ftehim privat iffirmat fl-1 ta' April, 2015, il-konvenuta ntrabtet li tikkonsenja merkanzija konsistenti f'oġġetti bħal Red Bull, luminata, ilma u ċikkulata, u għal dan l-iskop is-soċjetà attriċi SG Marketing Limited ħallset lill-konvenuta l-ammont ta' għaxart elef Euro (€10,000) sabiex din tkun tista' timporta l-oġġetti li hi obbligat ruħha li tforni lis-soċjetà attriċi SG Marketing Limited. Il-ftehim kien jistipula li l-konvenuta kellha tħallas lura l-ammont ta' għaxart elef Euro meqjus bħala depożitu, flimkien ma' penali ta' mitt Euro (€100) kuljum b'effett mis-7 ta' April, 2015 f'każ li konvenuta ma tonorax l-obbligi tagħha skont il-ftehim bejn il-partijiet. Ftehim simili kien sar qabel proprju fl-20 ta' Jannar, 2015 mas-soċjetà Dawood Group Limited, fejn minkejja li n-negozju bejn il-partijiet kien sar, il-konvenuta baqgħet ma ħallsitx lill-esponenti tas-soċjetà Dawood Group Limited li hi wkoll attriċi fil-kawża preżenti, dak dovut minnha. F'dan il-każ is-soċjetà attriċi Dawood Group Limited kienet ħallset lill-konvenuta l-ammont ta' erbatax-il elf u tmien mitt Euro (€14,800), u somma ulterjuri ta' ħamest elef, tliet mija u ħamsa u ħamsin Euro (€5,355) wara li l-konvenuta talbet ħlas ulterjuri sabiex tikseb ir-rilaxx ta' xi oġġetti mid-Dwana.

Quddiem it-talbiet tas-soċjetajiet attriċi, l-konvenuta għażlet li tibqa' kontumaċi u li ma tressaq l-ebda risposta maħlufa, minkejja li ġiet debitament notifikata, u lanqas ma ressqet sottomissjonijiet finali wara li ġew konklużi l-provi tal-atturi.

Illi l-istitut tal-kontumacja jew kontumelja ma jfissirx abbandun tal-kontestazzjoni:

> "biex tissussisti l-kontumaċja din trid tkun kemm fl-atti kif ukoll fl-udjenza. Huwa manifest għalhekk li assenza mill-att trid tiġi konfermata b'assenza wkoll mill-udjenza fis-sens sħiħ tal-kelma" - **Benny Zaffarese nomine *vs.* Maximillian Castagna nomine**, Appell, 30 ta' Gunju, 1997; **Costantino Abela *vs.* George Azzopardi**, Appell, 28 ta' Mejju, 1990). Minn dan jitnissel illi l-kontumaċja strutturalment trid tissussisti kemm fil-forma kif ukoll fis-sustanza;
>
> Dan iwassal għal din ir-riflessjoni l-oħra. "Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jagħtix lok ghall-preżunzjoni tal-abbandun tal-liti, għad-difett ta' eċċezzjonijiet leġittimi, jew għal adeżjoni għad-domanda, imma, invece, għas-supposizzjoni ta' remissjoni għall-ġustizzja tat-tribunal" (**Kollez. Vol. XLIII P I p 545**). Fi kliem ieħor, l-invokazzjoni tal-principju "*pro contumacies omnia jura clamant*" (Ara **Kollez. Vol. XXI P II p 234**);
>
> Minn dan isegwi illi "l-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hix ġustifikata indipendentement mill-kontumaċja tal-konvenut" **Giuseppe Wismayer *vs.* Giovanni Magro**, Qorti tal-Kummerċ, 24 ta' Novembru, 1934 (**Kollez. Vol. XXIX P III p 35**). *Una volta* li l-kontumaċja ma tfissirx ammissjoni imma tfisser kontestazzjoni "l-attur xorta jibqa' li jrid jipprova t-talbiet tiegħu u l-premessi għalihom" - **Joseph Edmond *sive* Jesmond Mizzi *vs.* Brian u Jeffrey J. Mizzi *nomine***, Appell, 27 ta' Marzu, 1996."[1]

Barra minn hekk ġie ritenut ukoll illi:

> "Hu paċifiku li l-kontumaċja ma hijiex ammissjoni" u "skont kif dejjem ġie riferut minn dawn il-Qrati l-kontumaċja għandha tiġi interpretata wkoll bħala oppożizzjoni u l-Qorti

[1] Appell Ċivili (Għawdex) fl-ismijiet **SMS Insurance Agency Limited *vs.* Irving & Co. Ltd.,** 07.07.2005.

għalhekk tidħol f'ċerti dettalji li tħoss illi huma meħtieġa biex tistabbilixxi l-verità tal-fatti".[2]

Illi għaldaqstant fejn tissusisti l-kontumaċja bħal fil-kawża odjerna, l-attur għandu jipprova l-każ tiegħu daqslikieku l-konvenut ikkontesta l-kawża.

**Provi u riżultanzi**

Is-soċjetà attriċi **SG Marketing Limited** esebiet kopja tal-ftehim milħuq bejn il-partijiet fl-1 ta' April, 2015[3], fejn min-naħa l-waħda l-konvenuta, li dehret fuq dak il-ftehim bħala bejjiegħa, aċċettat li tikkunsinna 65 *pallet* bil-laned tal-prodott Red Bull, bil-prezz miftiehem bejn il-partijiet, u bl-aċċettazzjoni tal-ħlas ta' għaxart elef Euro (€10,000) bħala depożitu li tħallas lill-konvenuta mill-bejjiegħa s-soċjetà attriċi SG Marketing Limited permezz ta' *cheque*. Il-ftehim kien jinkludi wkoll il-klawsola li jekk ikun hemm ksur tal-istess ftehim, ikun hemm ħlas ta' penali ta' mitt Euro (€100) kuljum b'effett mis-7 ta' April, 2015 f'każ li l-konvenuta ma tonorax l-obbligi tagħha skont il-ftehim bejn il-partijiet.

Is-soċjetà attriċi esebiet ukoll kopja taċ-*cheque* ta' għaxart elef Euro (€10,000)[4] li permezz tiegħu ħallset id-depożitu lill-konvenuta, kif ukoll kopja tal-ittra uffiċjali mibgħuta lill-konvenuta fis-16 ta' Lulju, 2015[5], li permezz tagħha ntalab il-ħlas lura tad-depożitu ta' €10,000 flimkien mal-penali ta' mitt Euro kuljum li sa dakinhar kienu jammontaw għal €9,100, mingħand il-konvenuta.

---

[2] P.A., **Ruth Apap *vs.* Noel Apap**, 30.06.1995.

[3] *A fol.* 6 tal-proċess.
[4] *A fol.* 7 tal-proċess.
[5] *A fol.* 8 tal-proċess.

Fl-udjenza tas-27 ta' Frar, 2017 xehed **Hamza Alaawer**[6], direttur tas-soċjetà attriċi Dawood Company Limited, li qal li hu sar jaf lill-konvenuta Joanne Sciberras fiż-żmien meta kellu *supermarket* fl-Imsida, u kien hemm ċerta Charmaine Cassar impjegata miegħu, li ħajritu jagħmel negozju mal-konvenuta bl-iskop li dan jirrendilu qligħ tajjeb. Ix-xhud qal li n-negozju li ppropon ietlu l-konvenuta kien jinvolvi l-bejgħ ta' laned tar-Red Bull, li hi qalet li kienet impurtat f'Malta wara li għamlet negozju flimkien ma' terza persuna, iżda li kienu miżmuma d-Dwana. Ix-xhud kompla jgħid li hu ħallas somma li kienet viċin l-€14,800 permezz ta' numru ta' ċekkijiet, iżda l-konvenuta baqgħet ma fornitlux l-oġġetti mibjugħa minnha, u kienet toħroġ bi skużi kull darba li hu kien jipprova jagħmel kuntatt magħha sabiex jara kif kienu ser jibqgħu.

Ix-xhud qal li hu kien ftiehem ma' Charmaine Cassar biex din tieħu parti mill-qligħ li kien maħsub li jsir minn dan in-negozju. Qal ukoll li hu qatt ma ra l-ebda prodott minn dak li kellha tfornilu l-konvenuta, u li hu beda jħallasha l-ammont miftiehem magħha ftit ftit, sakemm darba minnhom talbitu ħlas li kien jeċċedi l-€5,000 sabiex skont hi tkun tista' toħroġ l-affarijiet mid-Dwana, fejn kienu miżmumin. Ix-xhud qal li hu kien laqqa' lill-konvenuta ma' Simon Grixti, rappreżentant tas-soċjetà attriċi SG Marketing Limited, u Grixti wkoll kien laħaq ftehim mal-konvenuta dwar xi xogħol li hi kellha ġġib f'Malta.

Ix-xhud kompla jgħid li dan ix-xogħol qatt ma wasal f'Malta, u li wara li kemm hu kif ukoll Simon Grixti kienu għamlu rapport mal-Pulizija, il-Pulizija min-naħa tagħhom kellmu lill-konvenuta, u kien intlaħaq ftehim bejn il-partijiet li l-

[6] *A fol.* 17 tal-proċess.

konvenuta timporta l-ilma mill-Italja u mit-Turkija minflok laned tar-Red Bull, u dan sabiex minflok laned tar-Red Bull u prodotti oħra tax-xorb, tipprovdilhom ilma impurtat. Ix-xhud qal li hu l-*pallets* tal-ilma kien rahom, u min-naħa tiegħu hu kien talabha li ġġib iċ-ċekkijiet u toħroġ l-*invoices,* wara li din wegħdet lix-xhud li x-xogħol li impurtat kien ser jinbiegħ lil ħuha. Ix-xhud qal li wara li lanqas il-fornitura tal-ilma ma seħħet, hu kien għamel rapport ieħor lill-Pulizija. Qal ukoll li hu kien xehed fi proċeduri oħra ta' natura kriminali li ttieħdu kontra l-konvenuta.

Fl-udjenza tat-3 ta' April, 2017 xehdet **Charmaine Cassar**[7], li qalet li hi saret taf lil Joanne Sciberras meta kienet tmur tgħin lil Hamza Alaawer fil-ħanut li kellu fl-Imsida, filwaqt li l-konvenuta kienet *hairdresser* u kellha ħanut bieb ma' bieb mas-*supermarket* fejn kienet taħdem ix-xhud. Ix-xhud qalet li darba minnhom hi kellha xi tgħid mas-sid tal-ħanut, tant li kienet qaltlu li ser titlaq mix-xogħol, u l-konvenuta kienet semgħet kollox. Hi kompliet tgħid kif il-konvenuta kienet avviċinata u pproponitilha li jagħmlu negozju flimkien, billi qalet li kellha xi laned tar-Red Bull għall-bejgħ bi prezz interessanti ħafna u kienet wegħditha li jekk jirnexxielha tbiegħilha l-prodotti, kien hemm *commission* tajba ħafna fuqhom. Ix-xhud qalet li hi kienet bdiet tmexxi l-kelma u saħansitra ġabret xi depożiti mingħand in-nies, iżda meta rat li l-konvenuta ma bdietx tforni l-prodotti mwiegħda minnha, din reġgħet bdiet tagħti d-depożiti lura. Ix-xhud qalet ukoll li darba minnhom il-konvenuta kienet fetħet qalbha magħha u qaltilha li għandha bżonn somma flus, li kienet teċċedi t-€12,000 u dan minħabba li kellha xi *containers* miżmumin id-Dwana u kien hemm persuni li bdew jitolbuha d-depożiti lura fuq ix-xogħol maqbud id-Dwana. Ix-xhud qalet li n-negozju li pproponiet il-konvenuta kien jinvolvi l-

[7] *A fol.* 27 tal-proċess.

importazzjoni ta' Red Bull, ilma u prodotti bħal ċikkulata, u li Hamza Alaawer kien aċċetta li joħroġ il-flus li kellha bżonn tissellef il-konvenuta minħabba li l-qligħ imwiegħed minnha kien jeċċedi l-€40,000. Il-qligħ kellu jinqasam bejn Alaawer, il-konvenuta, u t-tifel ta' Charmaine Cassar, Jed-Isaac Cassar, minħabba li Alaawer ħass li ladarba kienet Charmaine Cassar li laqqgħetu mal-konvenuta, ix-xhud kellha tieħu parti mill-qligħ li kien ipprospettat li jsir. Ix-xhud qalet li l-konsenji tal-oġġetti li kellhom jiġu impurtati qatt ma waslu, il-flus ma tħallsux lura lilha u lil Alaawer, u l-qligħ imwiegħed baqa' ma mmaterjalizzax lanqas.

Ix-xhud qalet li l-konvenuta Joanne Sciberras kienet staqsietha jekk it-tifel tagħha Jed-Isaac Cassar kellux *cheque book,* u kienet qaltilha wkoll li kienet ser tiftaħ kumpannija fuq isem Jed-Isaac Cassar. Minflok kienet bdiet titlob li jinħarġu ċekkijiet mill-kont tal-bank ta' Jed-Isaac Cassar, u meta ċ-ċekkijiet ma bdewx jissarrfu minħabba li ma kienx hemm flus fil-kont bankarju wżat, il-banek bdew jippressaw lit-tifel tax-xhud biex jitħallsu. Ix-xhud iddeskriviet l-inkwiet li daħħlithom fih il-konvenuta b'dan il-mod:

> "Jien kien mingħalija biex inħallsu l-affarijiet biex joħroġ ix-xogħol, imma imbagħad skoprejna li kienet tissellef flus u kienet tħallashom biex iħalluha kwieta, allura biex tagħlqilhom ħalqhom tathom *cheque* li dawn aktar faru imbagħad għax meta jmorru biċ-ċekkijiet ma jsibux flus u bdew iduru għat-tifel tiegħi għax bdiet tgħidilhom li hu jħaddimha u fil-fatt ma kien veru xejn. Għandna kumpannija hemm qiegħda wieqfa ma ħadna xejn fuqha u qiegħda fuq it-tifel tiegħi."

Ix-xhud qalet li l-kumpannija li l-konvenuta kienet fetħet u li fiha kienet involviet lil binha Jed-Isaac Cassar, kien jisimha ABJ Limited.

Fl-udjenza tat-3 ta' Mejju, 2017, xehed **Jed-Isaac Cassar**[8], li kkonferma li hu sar jaf lill-konvenuta permezz ta' ommu, Charmaine Cassar. Hu qal li hu, ommu Charmaine Cassar u l-konvenuta Joanne Sciberras suppost li kellhom jibdew negozju flimkien, li kien jinvolvi l-importazzjoni tar-Red Bull, iżda qal ukoll li hu qatt ma ra karti jew xi forma ta' prova li r-Red Bull kien wasal hawn Malta. Huwa qal li huma kienu taw l-ammont ta' €26,000 li l-konvenuta kienet qalet li kien id-depożitu li hi kienet teħtieġ biex tagħmel ix-xogħol marbut ma' dan in-negozju. Hu qal li l-konvenuta kienet dejjem twegħedhom li x-xogħol impurtat kien ser jasal l-għada, iżda li dan baqa' ma wasal qatt. Ix-xhud kompla jispjega kif il-konvenuta ġieli talbitu ċekkijiet biex tirritorna flejjes li hi kienet ħadet mingħand persuni oħra, u li hu kien iħallasha mill-kont bankarju tiegħu. Ix-xhud qal ukoll li kien hemm perijodu li fih inħarġu ċekkijiet li ma setgħux jiġu onorati minħabba li ma kienx hemm flus iddepożitati l-bank x'jinħarġu. Ix-xhud qal ukoll li konsegwenza ta' dan kollu, hu ma jistax ikollu kont bankarju, ma jistax ikollu *cards* bankarji u għandu reputazzjoni ħażina mal-bank minħabba f'dak li għamlitlu l-konvenuta, f'kelma waħda ġie *blacklisted* mill-bank. Ix-xhud qal ukoll li bagħtu għalih il-Pulizija biex ikellmuh u li hu kien xehed fi proċeduri oħrajn li ttieħdu kontra l-konvenuta mill-Pulizija.

Fl-udjenza tat-28 ta' Settembru, 2017 xehed **Brady Abela**[9], li jaħdem bħala burdnar ma' Euro Shipping Malta, li qal li lill-konvenuta kien ħadmilha xi *containers* b'oġġetti li hi impurtat f'Malta. Ix-xhud qal li lilu kienu kellmuh kemm-il konvenuta Joanne Sciberras, kif ukoll ir-rappreżentant tas-soċjetà attriċi SG Marketing Limited, Simon Grixti, minħabba li kienu impurtaw xi ilma

[8] *A fol.* 35 tal-proċess.
[9] *A fol.* 47 tal-proċess.

mill-Italja sabiex jagħtihom is-servizz biex iġibuh f'Malta. Hu qal li l-ilma kienu ġabuh fil-25 ta' April, 2016 permezz ta' sitt *containers* fuq isem is-soċjetà attriċi SG Marketing Limited, u li hu kien tħallas €10,223 mingħand Simon Grixti. Ix-xhud qal li fuq l-istess *container* kien hemm *invoice* għal ħlasijiet oħra, bħalma hu l-Freeport, li kien tela' għal €3,962. Ix-xhud qal li l-ilma dam biex inħareġ mill-Freeport u li l-*containers* baqgħu hawn, tant li minħabba dan id-dewmien l-konvenuta inkorriet il-ħlas ta' xi penali. Hu qal ukoll li wara xi żmien kienet kellmitu l-konvenuta u din infurmatu li hi kienet xtrat l-ilma mingħand Simon Grixti, u li hu kien tkellem ma' Simon Grixti li kkonfermalu li l-ilma kien inxtara mill-konvenuta u minn ħuha. Ix-xhud qal ukoll li hu kien ħatt il-biċċa l-kbira ta' dan ix-xogħol għand ċertu Enrico tal-Profuma Trading, li kellu post viċin ir-Rabat, u għand ċertu Lorry miż-Żejtun. Qal ukoll li l-konvenuta kienet tkun magħhom f'kull konsenja li tinħatt. Ix-xhud qal ukoll li kull fejn imorru kien jara lill-konvenuta tirċievi somom ta' flus mingħand il-persuni li jixtru mingħandha.

Fl-udjenza tat-13 ta' Ottubru, 2017 xehdet **Christianne Borg**[10], Deputat Reġistratur fil-Qorti, li ppreżentat vera kopja tal-oriġinal tax-xhieda ta' Brady Abela li hu ta quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fil-11 ta' Jannar, 2016 u fit-30 ta' Novembru, 2016, liema xhieda tikkonferma dak li Brady Abela qal quddiem din il-Qorti.

Ix-xhud Brady Abela nnifsu li reġa' ġie prodott fl-istess udjenza, ikkonferma li d-dokumenti esebiti kienu xhieda li ta hu f'kawża quddiem il-Qorti tal-

[10] *A fol.* 60 tal-proċess.

Maġistrati. Ix-xhud esebixxa wkoll numru ta' *invoices* maħruġa minnu li tħallsu mill-konvenuta.[11]

Fl-udjenza tal-10 ta' Jannar, 2018, xehdet **l-Ispettur Doriette Cuschieri**[12], li xehdet li l-Pulizija kienet irċeviet għadd ta' rapporti li l-konvenuta kienet qiegħda titlob xi flus biex iġġib *containers* bir-Red Bull, ċikkulata u ilma. Ix-xhud qalet li r-rapporti inizjali saru minn Simon Grixti u minn Hamza Alaawer, u li dawn it-tnejn kienu qalu li ċerta Charmaine Cassar kienet laqqgħethom ma' Joanne Sciberras, li qaltilhom li għandha xi *containers* bl-affarijiet miżmumin, u li hi kellha bżonn il-flus biex setgħet iġġibhom Malta. Jidher li Hamza Alaawer kellu jagħti xi flus lil Jed-Isaac Cassar, iben Charmaine Cassar, u li dawn il-partijiet kienu għamlu skrittura bejniethom fejn Hamza Alaawer kien qabel li l-flus li għandu jagħti lil Jed-Isaac Cassar fis-somma ta' €14,800, ser jingħataw minflok lil Joanne Sciberras, sabiex hi tkun tista' ġġib ix-xogħol imsemmi. Jidher li apparti dawn l-€14,800, il-konvenuta kienet talbet ukoll lil Hamza Alaawer €9,000, li minnhom Alaawer kien taha €5,355. Ix-xhud ikkonfermat dak li qalet Charmaine Cassar, li hi kienet diġà bdiet iddur il-ħwienet u tħajjarhom jidħlu f'negozju ma' Joanne Sciberras, u li kienet laħqet ġabret depożitu wieħed, li rritornatu lura meta rat li x-xogħol li wiegħdet li timporta Joanne Sciberras baqa' ma ġiex. Ix-xhud l-Ispettur Doriette Cuschieri kompliet tgħid:

> "Kellna wkoll ir-rapport ta' Simon Grixti li huwa d-direttur ta' SG Marketing u dan kien għamel ir-rapport fl-1 ta' April, 2015. Dan kien qalli li lil Joanne Sciberras kien laqqagħha miegħu l-ħabib tiegħu Hamza Alaawer fejn din kienet qaltlu li tista' tagħmillu konsenja ta' Red Bull ta' ċirca ħamsa u sittin *pallet*. Hamza kien taha s-somma ta' €10,000 pagabbli lil Joanne b'cheque tal-HSBC bħala deposit tal-full amount ta' din il-konsenja li kien ta' €101,790. Meta ra li l-konsenja baqgħet ma waslitx, is-Sur

[11] *A fol.* 84 sa 99 tal-proċess.
[12] *A fol.* 102 tal-proċess.

> Grixti kien kemm-il darba jkellem lil Joanne u din dejjem kienet tgħidlu li għandha problemi min-naħa tad-Dwana."

Ix-xhud kompliet tgħid li dawn il-persuni kollha la ħadu l-flus u lanqas ix-xogħol impurtat li ġie mwiegħed lilhom, u li minkejja li l-konvenuta Joanne Sciberras baqgħet tippretendi ħlas ta' ammonti ta' flus, dejjem bl-iskuża li għandha xi xogħol li jrid jiġi impurtat, din baqgħet qatt ma onorat il-ftehim li kellha mal-partijiet l-oħrajn. L-Ispettur Cuschieri xehdet li wara xi żmien, il-konvenuta għaddiet numru ta' ċekkijiet lil Simon Grixti minħabba li dan beda jippressaha biex troddlu lura l-flus imħallsa minnu, iżda dawn iċ-ċekkijiet ma kinux jissarrfu. Ix-xhud tgħid ukoll li ntalab ħlas permezz ta' *bank draft*, iżda dan ukoll baqa' ma wasalx. Kien għalhekk, kompliet ix-xhud li sar rapport lill-Pulizija u li l-konvenuta tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati mixlija bi frodi u b'misapproprjazzjoni. Ix-xhud kompliet tgħid li waqt l-investigazzjonijiet tal-Pulizija, hi kienet tkellmet mal-burdnar Brady Abela, u li dan kien infurmaha li l-ilma impurtat għall-konvenuta kien tqassam f'żewġ postijiet differenti. Ix-xhud semmiet ukoll episodju fejn il-Pulizija tkellmu ma' ħu l-konvenuta, ċertu Silvio Sciberras, li kien allega li numru ta' ċekkijiet maħruġin minnu ġew imbagħbsa mill-konvenuta tant li l-ammonti fuq dawn iċ-ċekkijiet ma baqgħux dawk li hu kien iffirma għalihom, iżda lilu beda jirriżultalu li l-ammonti nbidlu u żdiedu sostanzjalment.

L-Ispettur Doriette Cuschieri kompliet bix-xhieda tagħha fl-udjenza tat-2 ta' Frar, 2018[13], fejn esebiet għadd ta' dokumenti: kopja tal-iskrittura privata datata 20 ta' Jannar, 2015 ffirmata minn Hamza Alaawer, mill-konvenuta, minn Charmaine Cassar u minn Jed-Isaac Cassar[14]; kopja ta' paġna minn djarju

[13] *A fol.* 112 tal-proċess.
[14] *A fol.* 114B tal-proċess.

fejn il-konvenuta ffirmat li ħadet €5,355 mingħand Alaawer[15]; irċevuta oħra li permezz tagħha l-konvenuta ikkonfermat li irċeviet is-somma ta’ €1,000 mingħand Simon Grixti[16]; kopja ta’ *cheque* ta’ €2,980 li Simon Grixti kien ta lill-konvenuta[17]; il-*Memorandum & Articles of Association* tas-soċjetà ABC Limited li hija l-kumpannija li l-konvenuta kienet fetħet flimkien ma’ Charmaine Cassar u t-tifel tagħha Jed-Isaac[18]; kopja tal-iskrittura privata datata l-1 ta’ April, 2015 bejn Simon Grixti u l-konvenuta rigward il-flus li din kellha troddlu lura[19]; u kopja ta’ *cheque* pagabbli lil Joanne Sciberras għall-ammont ta’ €10,000 maħruġ miċ-*cheque book* ta’ A++ Consultancy 1997 Limited.[20] Ix-xhud qalet ukoll li meta hi kellmet lil ħu l-konvenuta Silvio Sciberras, dan kien qal lill-Pulizija li missieru wkoll kellu negozju u kien ibiegħ ix-xorb, u li oħtu l-konvenuta kienet fallietu. Ix-xhud esebiet ukoll kopja tal-istqarrija li kienet tat il-konvenuta lill-Pulizija.[21]

Fl-udjenza tat-23 ta’ April, 2018 xehed **Simon Grixti**[22], li ġie muri d-dokumenti li jinsabu esebiti *a fol.* 114 sa 150 tal-proċess, u kkonferma li l-firem fuq id-dokumenti esebiti *a fol.* 117 sa 120 tal-proċess huma tiegħu. Fl-istess udjenza xehdet ukoll Charmaine Cassar li wkoll ġiet murija għadd ta’ dokumenti mill-proċess u indikat liema huma l-firem tagħha u liema huma l-firem tat-tifel tagħha Jed-Isaac Cassar. Xehed ukoll Hamza Alaawer li kkonferma liema hi l-firma tiegħu fuq id-dokumenti murija lilu.

[15] *A fol.* 116 tal-proċess.
[16] *A fol.* 119 tal-proċess.
[17] *A fol.* 120 tal-proċess.
[18] *A fol.* 121 tal-proċess.
[19] *A fol.* 117 tal-proċess.
[20] *A fol.* 118 tal-proċess.
[21] *A fol.* 138 tal-proċess.
[22] *A fol.* 154 tal-proċess.

Permezz ta' nota tar-**Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali**[23], bid-data tas-27 ta' April, 2018, ġew esebiti sensiela ta' dokumenti mill-kumpilazzjoni fl-ismijiet **'Pulizija (Spettur Doriette Cuschieri) *vs.* Joanne Sciberras'** (Kumpilazzjoni 300/2016 AMB), konsistenti fix-xhieda mogħtija minn Simon Grixti, minn Hamza Alaawer, minn Charmaine Cassar, u minn Jed-Isaac Cassar u kopji ta' dokumenti oħra esebiti minn dawn ix-xhieda.[24]

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-konvenuta daħlet għal obbligi li kienet taf li ma tistax tonora, bir-riżultat li spiċċat daħlet f'ċirku vizzjuż li sabiex tħallas dak dovut minnha lill-kredituri li kellha minħabba n-negozju, kellha ta' bilfors iddur fuq terzi u tingannahom billi twegħedhom qligħ tajjeb minn negozju li hi kienet taf li ma setax jimmaterjalizza. Jidher li s-soċjetajiet attriċi f'din il-kawża huma biss tnejn minn sensiela ta' persuni li lkoll sfaw ingannati mill-konvenuta, li kollha daħlu għal-lixka tal-promessa ta' qligħ tajjeb min-negozju li bdiet tpinġilhom l-attriċi, meta hija kienet taf li minn dan kollu ma kien hemm xejn. Mix-xhieda tal-Ispettur Cuschieri ħareġ ċar kif kien hemm diversi rapporti fil-konfront tal-konvenuta, u kif din spiċċat investigata b'rabta ma' diversi allegazzjonijiet ta' frodi li saru minn diversi persuni.

Lill-Qorti jirriżultalha li dak li xehdu Hamza Alaawer, Simon Grixti u anki Charmaine Cassar, huwa kkorroborat bl-evidenza esebita minnhom mhux biss f'dawn il-proċeduri, iżda wkoll fi proċeduri separati quddiem il-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. L-istess dokumenti ġew riprodotti f'dawn il-proċeduri mill-Ispettur Cuschieri.

[23] *A fol.* 162 tal-proċess.
[24] *A fol.* 162 sa 272 tal-proċess.

Mid-dokumentazzjoni esebita jirriżulta li huwa minnu li Simon Grixti ħareġ *cheque* ta' €10,000, filwaqt li l-ftehim li kellhom bejniethom il-partijiet, iffirmat kemm minn Grixti kif ukoll mill-konvenuta, kien jistipula bl-aktar mod ċar li jekk il-konvenuta ma twettaqx l-obbligi assunta minnha bis-saħħa ta' dak il-ftehim, hi kienet obbligata tħallas €100 penali għal kull ġurnata li fiha tonqos milli tonora l-obbligi tagħha. Minn dak il-ftehim sal-lum, għaddew aktar minn tliet snin, bir-riżultat li l-penali li ntrabtet li tħallas il-konvenuta, meta hi kienet taf ben tajjeb li mhix ser tkun f'qagħda li tonora l-obbligi li kienet qiegħda tiftiehem dwarhom, tammonta għal xejn anqas minn €131,000.[25]

Il-kwistjoni dwar il-likwidazzjoni tal-penali li għandha titħallas minn persuna li tkun obbligat ruħha għall-ħlas tagħha, spiss tiġi ttrattata quddiem dawn il-Qrati, mhux lanqas minħabba li f'każijiet ta' din ix-xorta, il-komputazzjoni tal-penali taf tlaħħaq l-eluf ta' Euro, u taf tkun saħansitra sproporzjonata fir-rigward tad-debitu prinċipali li jkun il-mertu tal-proċeduri bejn il-partijiet. Hekk per eżempju, fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta fl-ismijiet **Tabone Computer Centre Limited *vs.* Joe Camilleri**[26], il-Qorti qalet:

> "Illi huwa prinċipju aċċettat li n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali iġġib fis-seħħ l-effetti 'sekondarji' tal-istess obbligazzjoni – jiġifieri l-effett li min jonqos li jwettaq dak li ntrabat għalih irid jagħmel tajjeb għad-danni li tkun ġarrbet il-parti li magħha kien intrabat. Dan minbarra l-effett 'primarju' li jista' jwassal għat-tħassir tal-obbligazzjoni jew kuntratt li jkun.

[25] Bejn is-7 ta' April, 2015 u s-7 ta' Novembru, 2018, id-data li fiha qiegħda tingħata din is-sentenza, iddekorrew preċiżament 1,310 jum.
[26] P.A., 10.04.2008.

Illi meta parti tkun intrabtet li twettaq xi ħaġa u ma tagħmilhiex jew ma ttemmhiex, il-parti l-oħra (jiġifieri, il-kreditur tal-obbligazzjoni), tista' tingħata s-setgħa li twettaqha bi spejjeż ta' min ikun naqasha (jiġifieri, id-debitur tal-obbligazzjoni). Kreditur ta' obbligazzjoni li ħaddieħor ikun intrabat miegħu li jwettaq, u dan jonqos li jwettaqha, għandu l-għażla li jew jinsisti mad-debitur tal-obbligazzjoni li jwettaq dak li ntrabat li jagħmel jew, f'każ li l-adempiment ma jkunx għadu jista' jsir aktar, li jitlob il-ħlas tad-danni mġarrba minħabba dak in-nuqqas. Din ir-regola tgħodd ukoll f'kuntratt bħal dak ta' appalt ...

Illi meta wieħed jintrabat li jwettaq obbligazzjoni huwa mistenni li jagħmel dan bil-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja. Dan għaliex ukoll fejn id-debitur ma jkunx mexa b'mala fidi, huwa jrid jagħmel tajjeb għal kull dannu li jġarrab il-kreditur tal-obbligazzjoni kemm dwar in-nuqqas ta' twettiq tar-rabta u kif ukoll dwar id-dewmien fl-eżekuzzjoni. Biex jeħles minn dawn l-effetti, id-debitur irid juri li n-nuqqas ta' twettiq tal-obbligazjzoni jew id-dewmien fit-twettiq tagħha fiż-żmien miftiehem kienu l-kawża ta' ħaġa barranija li huwa ma kienx jaħti għaliha, bħal fil-każ ta' aċċident jew forza maġġuri."

F'sentenza oħra ukoll mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Terence Mirabelli *vs.* James Schembri**[27], intqal:

"In materja ta' kuntratti l-prinċipju bażiku jibqa' dak li *'pacta sunt servanda'*. Dan in kwantu l-kuntratt għandu saħħa ta' liġi għal dawk li jagħmluh (Art. 992 (1) tal-Kodiċi Ċivili) u ma jistax jiġi mħassar ħlief bil-kunsens ta' xulxin jew għal raġunijiet mil-liġi magħrufa (Art. 992(2) tal-Kodiċi Ċivili. Inoltre hu mistenni li dan jiġi esegwit bil-bona fidi u in effetti jobbliga mhux biss għal dak li jingħad fih iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha, bl-ekwità, bl-użu jew bil-liġi (Art. 993 tal-Kap. 16).

Issa bħala regola l-penali stipulata bejn il-partijiet kontraenti hija meqjusa bħala klawsola li tirrappreżenta d-danni preventivament likwidati minħabba non-eżekuzzjoni tal-obbligazzjoni (**Negte. Antonio Tabone noe vs. Negte. Joseph Caruana**', Qorti tal-Kummerċ, per Imħ. Dr W. Harding, 24 ta' Novembru, 1950)."

Madanakollu l-Qrati tagħna wrew li f'ċirkostanzi simili għandu jkun hemm temperament fuq il-penali li debitur jkun obbligat iħallas, u dan dejjem sabiex kemm jista' jkun jiġi assigurat li ssir ġustizzja mal-partijiet kollha involuti.

[27] P.A., 31.01.2003.

F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Tabone Computer Centre Limited *vs.* Emanuel Stivala Company Limited**[28], il-Qorti għamlet riferiment għal dak li jipprovdu l-artikoli 1120 u 1122 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li d-debitur tal-obbligazzjoni eċċepixxa l-applikazzjoni tal-prinċipju *in omnibus quidem, maxime tamen in jure, aequitas spectanda sit,* li jitlob għal ridimensjoni ta' klawsoli simili f'każ li dawn joffendu jew jiksru s-sens prattiku u morali tal-obbligazzjoni għaliex ikunu sproporzjonati jew inaċċettabbli skont in-normi stabbiliti tas-soċjetà u l-loġika ġuridika. Dwar il-penali, l-artikolu 1120 tal-Kap. 16 jistabbilixxi illi:

(1) Il-penali hija l-kumpens tal-ħsara li jbati l-kreditur minħabba n-nuqqas tal-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni prinċipali;
(2) Il-kreditur jista' jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni prinċipali minflok ma jitlob il-penali li fiha jkun waqa' d-debitur;
(3) Hu ma jistax jitlob il-ħaġa prinċipali u l-penali flimkien, ħlief meta l-penali tkun ġiet miftiehma għad-dewmien biss.

L-artikolu 1122 tal-Kap. 16 jaqra hekk:

(1) Il-Qorti ma tistax tnaqqas jew ittaffi l-penali ħlief f'dawn il-każijiet:

(a) Jekk id-debitur ikun esegwixxa parti mill-obbligazzjoni, u l-kreditur ikun aċċetta espressament il-biċċa li ġiet esegwita;
(b) Jekk id-debitur ikun esegwixxa parti mill-obbligazzjoni, u l-parti hekk esegwita, meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi partikolari tal-kreditur, tkun biċ-ċar tiswielu. Iżda, f'dan il-każ, ebda tnaqqis ta' penali ma jista' jsir, jekk id-debitur, meta ntrabat għall-penali, ikun irrinunzja espressament għal kull tnaqqis jew jekk il-penali tkun ġiet miftiehma għad-dewmien biss;

(2) Meta skont dan l-artikolu l-penali għandha tiġi mnaqqsa, it-tnaqqis għandu jsir fil-proporzjon tal-parti tal-obbligazzjoni li tkun baqgħet mhux esegwita."

[28] P.A., 24.10.2017.

Il-Qorti, fis-sentenza appena ċċitata, irreferiet għas-sentenza fl-ismijiet **Hector Naudi noe *vs.* Chiara Peresso noe**[29], fejn il-Qorti qieset li meta l-partijiet kontraenti jkunu ftiehmu minn qabel dwar id-danni jew penali li għandhom jitħallsu f'każ ta' non-adempiment tal-obbligazzjoni, il-Qorti mhix libera li tissostitwixxi d-diskrezzjoni soġġettiva tagħha għar-rieda tal-partijiet:

> "Dan huwa prinċipju assodat fis-sistema ġuridiku Malti. Meta żewġ partijiet jiftiehmu minn qabel x'għandhom ikunu d-danni f'każ ta' nuqqas, dik il-konvenzjoni torbot lill-partijiet bħala espressjoni tal-volontà libera tagħhom. Ġie dejjem ritenut li l-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-diskrezzjoni soġġettiva tagħha għar-rieda tal-partijiet li diġà stabbilew bejniethom il-*quantum* tad-danni li l-attur isofri minħabba l-inadempjenza tal-konvenut fl-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni assunta minnu. Meta l-partijiet jiftiehmu minn qabel l-ammont ta' danni, ma tistax ikun hemm temperament fil-quantum, liberament miftiehma u assunta (ara **"Mifsud vs Stivala"** deċiża minn din il-Qorti fit-3 ta' Ottubru, 1991)."

Iżda l-Qorti fis-sentenza suċitata għamlet riferiment għal sentenza oħra mogħtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Mary Rose Falzon Sant Manduca *vs.* Mario Grima**[30], fejn il-Qorti qalet:

> "Illi l-liġi tagħti s-setgħa lill-Qorti li tnaqqas jew ittaffi l-penali f'żewġ każijiet biss: jiġifieri, (a) meta d-debitur ikun esegwixxa parti mill-obbligazzjoni, u l-kreditur ikun aċċetta espressament il-biċċa li ġiet esegwita; jew (b) jekk id-debitur ikun esegwixxa parti mill-obbligazzjoni, u dik il-parti mill-esekuzzjoni tkun, fiċ-ċirkostanzi, biċ-ċar swiet lill-kreditur. Iżda f'dan l-aħħar każ, il-penali tkun dovuta jekk tkun ġiet miftiehma għad-dewmien fit-twettiq tal-obbligazzjoni.
>
> Illi l-applikazzjoni riġida ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi, minkejja l-konsegwenzi iebsa li jistgħu jinstiltu minnha fil-prattika, ġejja mir-rispett li jrid jingħata lill-prinċipju li ftehim validu bejn il-partijiet għandu s-saħħa ta' liġi bejniethom u l-ebda qorti m'għandha tindaħal fi ftehim bħal dan jekk ma jkunx milqut b'xi

[29] P.A., 20.06.2002.
[30] P.A., 08.03.2005.

difett li ġġibu ma jiswiex. Madanakollu, illum il-ġurnata huwa aċċettat li l-applikazzjoni tar-regola maħsuba fl-artikolu 1122 tal-Kodiċi Ċivili trid titfisser ukoll fid-dawl ta' prinċipju ieħor ewlieni tad-dritt, jiġfieiri dak li jrid li l-kuntratti jiġu esegwiti b'bona fidi u jobbligaw, mhux biss għal dak li jingħad fihom, imma wkoll għall-konsegwenzi li ġġib magħhom l-obbligazzjoni, skont l-għamla tagħha, b'ekwità, bl-użu jew bil-liġi. Dan ifisser li b'applikazzjoni tal-massima *in omnibus quidem, maxime tamen in jure, aequitas spectanda sit*, huwa possibbli li l-effett u l-applikazzjoni litterali tal-klawsola penali jiġu 'ridimensjonati' jekk jirriżulta li dawn joffendu jew jiksru s-sens prattiku u morali tal-obbligazzjoni billi jkunu jidhru sproporzjonati jew inaċċettabbli 'skont in-normi stabbiliti tas-soċjetà u l-loġika ġuridika."

Il-Qorti fis-sentenza suċitata għamlet riferiment għal sentenza oħra fl-ismijiet **Dr Malcolm Pace *vs.* Karl Azzopardi pro et noe**[31], fejn ġie stabbilit illi:

"Tali dispost (l-Art. 1120) għandu jinqara flimkien mal-artikolu 993 tal-Kap. 16 fejn il-kuntratti għandhom jiġu esegwiti in bona fede u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom iżda wkoll għal konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha, bl-ekwità, bl-użu jew bil-liġi. Kif qalet il-Qorti tal-Appell **Pace vs. Micallef**, (15/12/2004):

'Din il-Qorti tifhem li fil-kunċett tal-bona fidi jidħol ukoll ċertu element ta' ekwità kif ukoll sens prattiku u morali li jiġi vjolat mhux biss meta konfrontat b'aġir speċifiku doluż biex jagħmel il-ħsara, iżda wkoll b'dak il-komportament li jkun għal kollox sproporzjonat u li ma jkunx aċċettabbli skont in-normi stabbiliti tas-soċjetà u tal-loġika ġuridika.'

Ovvjament kull każ hu differenti u ċ-ċirkostanzi jridu jittieħdu in kunsiderazzjoni skont in-natura tal-każ. Il-Qorti tqis illi hemm sproporzjon kbir bejn l-ammont ta' penali u l-management fee pattwita. Inoltre l-Qorti hi ferm riluttanti li taċċetta ottemperanza ma' tali impożizzjoni ta' penali meta l-attur dam disa' snin biex ressaq talba għal non-osservanza tal-ħlasijiet dovuti meta bħala kreditur hu fid-dover li jimminimizza d-danni. Fil-fehma tal-Qorti jekk dato non concesso, il-penali kienet applikabbli, il-penali imposta hi wisq eċċessiva u l-pretensjoni tagħha mill-attur tirrasenta l-arrekiment indebitu."

[31] P.A., 14.10.2014.

Din il-Qorti tikkondividi dan il-ħsieb għax anki jekk il-konvenuta kienet konsapevoli tal-fatt li ma kienx hemm mod kif hija kienet ser tasal biex twettaq l-obbligazzjoni illi daħlet għaliha, u kienet hi li minn jeddha ffirmat il-klawsola tal-ftehim tal-penali maqbula bejn il-partijiet, madanakollu l-Qorti tqis li l-applikazzjoni tal-penali fl-ammonti miftiehma bħala oneruża żżejjed, in vista tal-għadd ta' ġranet li matulhom il-konvenuta naqset milli tonora l-obbligazzjoni li daħlet għaliha, tant li kieku wieħed kellu jikkomputa l-penali kif ġiet miftiehma bejn il-partijiet, din tkun tammonta għalxejn anqas minn mija u wieħed u tletin elf Euro (€131,000). Il-Qorti qiegħda għalhekk tistabbilixxi li l-penali dovuta mill-konvenuta lis-soċjetà SG Marketing Limited m'għandiex teċċedi l-għaxart elef Euro (€10,000). Il-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, u ma jirriżultalhiex li għal obbligu ta' għaxart elef Euro (€10,000), rappreżentanti d-depożitu mħallas mis-soċjetà attriċi, għandu jkun hemm penali ogħla minn dak l-ammont, minkejja l-ftehim li kien sar bejn il-partijiet.

Inoltre jirriżulta wkoll mill-provi mressqa f'din il-kawża u mid-dokumenti esebiti mill-Ispettur Cuschieri[32], li s-soċjetà attriċi Dawood Group Limited, rappreżentata minn Hamza Alaawer, kienet ħallset lill-konvenuta l-ammont ta' erbatax-il elf u tmien mitt Euro (€14,800) permezz ta' ftehim tal-20 ta' Jannar, 2015. Jirriżulta wkoll li bħala parti mill-istess negozju li suppost li kellu jsir bejn il-konvenuta u s-soċjetà attriċi Dawood Group Company, kienet tħallset ukoll minn Hamza Alaawer lill-konvenuta s-somma ta' ħamest elef, tliet mija u ħamsa u tletin Euro (€5,355).

---

[32] *A fol.* 114B u 116 tal-proċess.

**Decide**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi fil-kontumaċja tal-konvenuta:**

1. **Tilqa' t-talbiet attriċi kif dedotti fir-rikors promutur, billi tillikwida l-ammont li għandha tħallas il-konvenuta Joanne Sciberras lis-soċjetà attriċi SG Marketing Limited fis-somma ta' għaxart elef Euro (€10,000) rappreżentanti d-depożitu mħallas minnha bis-saħħa tal-ftehim tal-1 ta' April, 2015, flimkien ma' penali ta' għaxart elef Euro oħra (€10,000);**

2. **Tillikwida l-ammont li għandha tħallas il-konvenuta Joanne Sciberras lis-soċjetà attriċi Dawood Group Limited fis-somma ta' għoxrin elf, mija u ħamsa u ħamsin Euro (€20,155);**

3. **Tikkundanna lill-konvenuta Joanne Sciberras tħallas lis-soċjetà attriċi SG Marketing Limited is-somma ta' għaxart elef Euro (€10,000) rappreżentanti d-depożitu mħallas minnu bis-saħħa tal-ftehim tal-1 ta' April, 2015, flimkien ma' penali ta' għaxart elef Euro oħra (€10,000);**

4. **Tikkundanna lill-konvenuta Joanne Sciberras tħallas is-somma ta' għoxrin elf, mija u ħamsa u ħamsin Euro (€20,155) lis-soċjetà attriċi Dawood Group Limited.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali li jibdew jgħaddu mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv, a karigu tal-konvenuta.**

Moqrija.